# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NUMRU 1927

## Chairman: Dr Leslie Cuschieri Cert.Dip.Stud., LL.D.

Kaz Numru 2601/LC

**Fil-kwistjoni tax-Xoghol bejn**

**Marlon Grima**

**vs**

**Santa Katerina Construction Ltd**

**dwar tkeċċija mill-impieg allegata li hi inġusta.**

Illum 24 ta' Marzu 2009

Dan il-kaz gie riferut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' Rikors ta' Marlon Grima ipprezentat fir-Registru tal-Qorti fit-30 ta' Lulju 2008 u ffirmat mill-avukat Joanne Vella Cuschieri.

PRELIMINARI

Permezz ta' l-imsemmi Rikors, Marlon Grima ssottometta li huwa kien ilu impjegat ghal madwar sentejn u ghaxar xhur mal-Kumpanija intimata taht kuntratt indefinit, u fit-30 ta' Gunju 2008 huwa safa mkecci habta u sabta minghajr ebda raguni valid fil-ligi. Huwa talab li jigi dikjarat li tali terminazzjoni ta' l-impieg tieghu kienet wahda ingusta u talab lit-Tribunal jaghti l-provvedimenti kollha opportuni f'dan ir-rigward ai termini tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta.

Sussegwentement, fl-1 t'Ottubru 2008 Marlon Grima pprezenta id-Dikjarazzjoni tal-kaz tieghu, fejn ta diversi dettalji dwar l-imgieba tieghu u ta' certu Gilbert Bugeja li kien superjur tieghu. Jghid ukoll li wara xahrejn u nofs

mit-tkeccija huwa sab xoghol alternattiv, izda b'paga aktar baxxa; u jghid li parti mir-remunerazzjoni dovuta lilu ghadha ma thallsitx lilu. Jaghlaq biex jghid li minn dan il-kaz huwa jippretendi hlas ta' kumpens.

Il-kumpanija intimata pprezentat risposta fl-14 ta' Ottubru 2008 permezz ta' l-avukat Maria Azzopardi, fejn apparti kontestazzjoni fuq il-mertu, tqajmet eccezzjoni preliminari fejn qed jinghad li t-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti ma jistghu qatt jirnexxu stante illi l-istess rikorrent effettivament m'ghamel ebda talba kif trid il-ligi: la talba ghal *reinstatement* u l-anqas talba ghal hlas ta' kumpens, b'dan li ir-rikors huwa irritu u null.

Fl-ewwel seduti t-Tribunal appella liz-zewg partijiet sabiex jesploraw il-possibilita` ta' ftehim bonarju, izda fis-seduta tat-3 ta' Frar 2009 it-Tribunal gie infurmat li ma kienx hemm ftehim u ghalhekk kien mehtieg li l-ewwel tigi trattata u deciza l-ewwel eccezzjoni dwar in-nullita` o meno ta' l-azzjoni proposta minn Marlon Grima. Ghalhekk din hija Decizjoni fuq dik l-eccezzjoni preliminary.

KONSIDERAZZJONIJIET.

Fit-trattazzjoni ta' din l-eccezzjoni, il-kumpanija intimata targumenta li din il-procedura inbdiet b'rikors, u rikors jehtieg talba specifika: ma jistax ikollok rikors u ma tghidx ezattament xi trid tottjeni b'dan ir-rikors. Skond l-eccezzjoni sollevata, kellu jkun hemm talba ghal *reinstatement* jew talba ghal kumpens. Rikors bla talba ma jistax jintlaqa' u huwa null.

Fit-trattazzjoni ta' din l-eccezzjoni, ir-rikorrent jargumenta li r-rikors li bih tinfethet il-procedura quddiem dan it-Tribunal mhemmx ghalfejn tkun dettaljata, u huwa sufficjenti li jintalab rimedju, anke jekk ma jintalabx rimedju specifiku. Anzi, skond ir-rikorrent, il-gurisprudenza tghid li r-rimedju specifiku jista' jigi indikat fl-i*Statement of Case*, kif fil-fatt sar f'dan il-kaz.

Kuntrarju ghal dak li gie argumentat mill-partijiet f'din il-kawza, skond il-ligi li tirregola l-impiegi kif mibdula bl-Att XXII ta' l-2002, persuna li tallega li tkeccjet mill-impieg ingustament ghandha dritt tirreferi l-kaz tat-tkeccija taghha lit-Tribunal Industrijali permezz ta' Dikjarazzjoni, u mhux b'Rikors. Artikolu 75 tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta jirrikjedi li l-impjegat jirreferi l-ilment tieghu lit-Tribunal permezz ta' Dikjarazzjoni li tigi pprezentata fir-Registru tat-Tribunal fi zmien erba' xhur, u t-Tribunal ghandu jaghti decizjoni. Ghalhekk l-argument li kull rikors jehtieg talba specifika ma japplika assolutament xejn ghal dan il-kaz. Il-ligi trid li l-haddiem, anke jekk mhux assistit, iressaq l-ilment tieghu fi zmien erba' xhur, imbaghad tithalla f'idejn it-Tribunal biex jiddeciedi jekk ghandux jinghata rimedju, u x'rimedju ghandu jinghata, bl-applikazzjoni ta' Artikolu 81 ta' l-istess Ligi. L-unika limitazzjon li ghandu t-Tribunal hija li ma jistax jordna reinstatement jekk dan ma jintalabx mill-haddiem jew fid-Dikjarazzjoni originali tieghu jew fid-Dikjarazzjoni tal-Kaz.

Ghal kull buon fini dan it-Tribunal jaghmel referenza wkoll ghal Artikolu 78 Subinciz (3) tal-Ligi Dwar l-Impiegi u Relazzjonijiet Industrijali li tghid li t-Tribunal ghandu jizgura li l-gustizzja ssir skond il-meriti tas-sustanza tal-kaz, u fi kliem iehor m'ghandux joqghod ifettaq fuq teknikalitajiet legali biex tigi stultifikata l-gustizzja.

DECIZJONI

Ghaldaqstant, wara li ra l-atti kollha ta' dan il-kaz, it-Tribunal qieghed jichad l-eccezzjoni preliminari tal-kumpanija intimata u jordna li dan il-kaz ikompli jinstema' fuq il-mertu sabiex jigi deciz skond il-ligi.

**Dr Leslie Cuschieri**
Chairman

VERA KOPJA

Monica Seychell
A/Segretarja